**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**(Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud - Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 30/15VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Ġia Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-VAT**

**Illum 5 ta' Diċembru 2019**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat mis-soċjetà XXX fit-8 ta' Mejju 2015 permezz ta' liema titlob li t-Tribunal inaqqas kull valur taxxabbli jew taxxa kkalkulata mill-Kummissarju tat-Taxxi w in oltre jikkanċella l-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.10.12-31.12.12, 01.01.13-31.03.13, 01.07.13-30.09.13 u 01.10.13-31.12.13, bl-ispejjeż kontra l-Kummissarju tat-Taxxi;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur a fol. 3 sa' 7 tal-proċess;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' liema fl-ewwel lok jeċċepixxi li fil-każ in eżami għandhom japplikaw il-provvedimenti ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta u dana minħabba l-aġir indifferenti tas-soċjetà Rikorrenti, partikolarment minħabba nuqqas ta' ko-operazzjoni grossolana da parte tagħha, u fil-mertu jopponi għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.10.12-31.12.12, 01.01.13-31.03.13, 01.07.13-30.09.13 u 01.10.13-31.12.13 u jitlob li l-istess jiġi miċħud u minflok l-imsemmija stimi jigu ikkonfermati stante li l-aggravju fuq liema s-soċjetà Rikorrenti tibbaża l-appell tagħha mill-imsemmija stimi huwa għal kollox infondat fil-fatt u fid-dritt;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi markati Dok. "A' sa' Dok. "N" a fol. 20 sa' 60 tal-proċess;

Ra li fid-dawl ta' l-eċċezzjoni a tenur ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi giet ordnata l-inverżjoni tal-provi limitatament għal tali eċċezzjoni[1];

[1] Verbal tas-seduta tat-22 ta' Ġunju 2015, fol. 63 tal-proċess.

Sema' x-xhieda ta' Jonathan Fenech, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Diċembru 2015[2] u x-xhieda ta' Denise Said, rappreżentant tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2017[3] u ra d-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "DS" a fol. 83 sa' 95 tal-proċess;

Ra li fid-9 ta' Diċembru 2018[4] l-istadju tal-provi tas-soċjetà Rikorrenti dwar l-eċċezzjoni a tenur ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta ġie dikjarat magħluq;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidra:**

In forża ta' erba' stimi għall-perijodi ta' taxxa 01.10.12-31.12.12, 01.01.13-31.03.13, 01.07.13-30.09.13 u 01.10.13-31.12.13 maħruġa fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti l-Kummissarju tat-Taxxi jesiġi ħlas tas-somma komplessiva ta' €247,573.94 rappreżentanti taxxa, flimkien mas-somma komplessiva ta' €55,408.54 rappreżentanti taxxi amministrattivi w imghax[5]. Is-soċjetà Rikorrenti ħassitha aggravata b'dawn l-istimi maħruġa fil-konfront tagħha w interponit appell minnhom quddiem dan it-Tribunal. Hija titlob li l-imsemmija stimi jiġu kkanċellati stante li daħlet f'diffikultajiet minħabba l-kriżi fil-Libja, li kienet l-aqwa suq tagħha, bil-konsegwenza li sabet ruħha f'diffikultajiet ta' likwidità u ma setgħetx tħallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma. L-Enemalta qatgħet il-provvista tad-dawl u l-ilma u b'hekk l-accountants tagħha ma setgħux jaċċessaw is-*servers* u jieħdu *data* mill-computers bil-konsegwenza li l-VAT returns ma setgħux jiġu aġġornati.

Il-Kummissarju tat-Taxxi jopponi għall-appell tas-soċjetà Rikorrenti mill-istimi maħruġa fil-konfront tagħha għall-perijodi ta' taxxa 01.10.12-31.12.12, 01.01.13-31.03.13, 01.07.13-30.09.13 u 01.10.13-31.12.13 u jitlob li l-istess jiġi miċħud stante li l-aggravju fuq liema s-soċjetà Rikorrenti tibbaża l-appell tagħha huwa għal kollox infondat fil-fatt u fid-dritt. Il-Kummissarju tat-Taxxi jissolleva wkoll eċċezzjoni preliminari fis-sens illi fil-każ in eżami għandhom japplikaw il-provvedimenti ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba l-aġir indifferenti tas-soċjetà Rikorrenti partikolarment minħabba n-nuqqas ta' ko-operazzjoni grossolana da parte tagħha.

F'din is-sentenza ser tiġi trattata biss l-eċċezzjoni preliminari a tenur ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi in kwantu l-istess timpinġi fuq xi provi jistgħu jiġu ppreżentati fil-mertu.

L-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *il-Kummissarju jista', f'kull żmien matul iż-żmien speċifikat fis-subartikolu (4), jeħtieġ lil kull persuna li tipproduċi jew jista' jeleva mingħand kull persuna, inkluż terza persuna, id-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika meħtieġa li jinżammu minnha bis-saħħa ta' dan l-artikolu, u jagħmel kopji tagħhom: Iżda, jekk ikun hemm evidenza li wara li tkun intalbet mill-Kummissarju b'avviż bil-miktub, il-persuna li tkun naqset li tipproduċi mingħajr skużanti raġonevoli d-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika sa' tletin jum mid-data tan-notifika ta' dak l-*

[2] Fol. 71 tal-proċess.
[3] Fol. 96 u 97 tal-proċess.
[4] Fol. 101 tal-proċess.
[5] Fol. 4 sa' 7 tal-proċess.

*avviż, hija ma tkunx tista' titħalla tipproduċi dik id-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika fi stadju aktar tard minn meta tkun inħarġet stima jew stimi proviżorji jew quddiem it-Tribunal, jew f'xi Qorti tal-Ġustizzja: Iżda wkoll meta titqiegħed fiduċja fuq xi persuna oħra sabiex din twettaq xi biċċa xogħol, il-fatt li jkun hemm dik il-fiduċja jew xi dewmien jew ineżatezzi mill-persuna li jkollha l-fiduċja ma jitqiesx li hija skużanti raġonevoli għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu.*

Minn dan il-provvediment tal-Liġi jirriżulta ferm ċar li sabiex dak hemm dispost isib applikazzjoni fil-prattika l-ewwel u qabel kollox għandu jirriżulta li t-*taxpayer* ikun intalab jipprovdi dokumenti, dokumentazzjoni u *data* elettronika skond il-każ permezz ta' avviż bil-miktub, liema avviż għandu jingħata entro t-terminu ta' sitt snin mit-tmiem tas-sena tal-perijodu ta' taxxa in kwistjoni. Naturalment il-ħruġ *per se* ta' l-avviż bil-miktub ma huwiex suffiċjenti biex jiskatta dak provdut fl-Artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, b'mod partikolari fl-ewwel proviso ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi, imma dak l-avviż bil-miktub irid ikun ġie debitament notifikata lit-*taxpayer*. Jekk tali debita notifika ma tissussistix it-*taxpayer* ma jkunx jista' jitqies li jkun inadempjenti.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-eżerċizzju ta' *Credit Control* fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti relattiv għall-perijodi ta' taxxa 01.10.12-31.12.12, 01.01.13-31.03.13, 01.07.13-30.09.13 u 01.10.13-31.12.13 skatta fl-2014. Il-Kummissarju tat-Taxxi bagħat erba' avviżi lill-imsemmija soċjetà, rispettivament datati 16 ta' Lulju 2014[6], 30 ta' Settembru 2014[7], 20 ta' Ottubru 2014[8] u 24 ta' Novembru 2014[9], permezz ta' liema talabha tipprovdih bis-segwenti dokumenti: (i) il-kotba tax-xiri mill-01.10.12-31.12.12, 01.01.13-31.03.13, 01.07.13-30.09.13, 01.10.13-31.12.13; (ii) riċevuti u fatturi tax-xiri għall-istess perjodi; u (iii) *audited accounts* għall-istess perjodi. Għall-fini tan-notifika ta' dawn l-avviżi l-Kummissarju tat-Taxxi rrikorra għan-notifika personali lit-taxpayer, ossia s-soċjetà Rikorrenti, in kwantu l-avviżi kellhom jitqassmu mir-rappreżentanti tiegħu. Ir-rappreżentanti tal-Kummissarju tat-Taxxi ddisponew minn dawn l-avviżi bil-mod segwenti:

- L-avviż datati 16 ta' Lulju 2014, 20 ta' Ottubru 2014 u 24 ta' Novembru 2014 tħallew fil-*letter box* fl-indirizz tas-soċjetà Rikorrenti kif reġistrat mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud bħala *mailing address*, ossia KW38, Qasam Industrijali ta' Kordin, Paoloa; u
- L-avviż datat 30 ta' Settembru 2014 tħalla ma' Louis Farrugia, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 870552(M).

Fil-fehma tat-Tribunal però ebda waħda minn dawn in-notifiki ma tista' u ma għandha titqies bħala notifika valida għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi, b'mod partikolari għall-finijiet u effetti ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż l-ewwel *proviso* ta' l-istess.

L-Artikolu 73(2) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta kif applikabbli fl-2014 kien jipprovdi illi: *kull avviż li huwa meħtieġ li jingħata mill-Kummissarju jew minn xi persuna oħra taħt dan l-Att jista' jiġi notifikat lill-persuna sew personalment sew billi jintbagħat bil-posta. Kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, notifika ta' avviż mibgħut bil-posta tkun ippruvata permezz ta' evidenza li dak l-avviż kien ġie indirizzat u impostat sew u*

[6] Fol. 36 tal-proċess.
[7] Fol. 38 tal-proċess.
[8] Fol. 39 tal-proċess.
[9] Fol. 43 tal-proċess.

*għandu jitqies li jkun ġie notifikat, fil-każ ta' indirizz f'Malta mhux iktar tard mit-tielet jum li jiġi wara l-jum meta dan ikun ġie impostat, u fil-każ ta' indirizz barra minn Malta fil-jum li jiġi wara dak il-jum meta l-avviż kien jiġi riċevut fil-kors ordinarju tal-posta: Iżda meta dik in-notifika ma sseħħx minħabba li dik il-persuna ma tkunx tista' tinstab jew minħabba raġunijiet oħra attribwibbli għal dik il-persuna u l-Kummissarju jippubblika avviż fil-Gazzetta u f'xi ġurnal wieħed jew iktar ta' kuljum fejn jiddikjara li dak l-avviż ikun sar u li fih jistieden lil dik il-persuna biex tmur tiġborha kif u fejn jindikalha l-Kummissarju, dik in-notifika għandha wkoll titqies li tkun ġiet debitament notifikata fid-data tad-debita publikazzjoni f'ġurnal ta' kuljum: Iżda wkoll, cheque jew ċedola impostati mill-Kummissarju għandu jitqies li jkun ħlas ta' dak l-ammont magħmul fid-data meta jkun ġie impostat.*

Mill-atti proċesswali, provi prodotti[10] u mix-xhieda ta' Denise Said[11], waħda mill-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud inkarigati mill-eżerċiżżju ta' *Credit Control* fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti, jirriżulta li fit-13 ta' Awwissu 2014 l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud Jonathan Fenech u Adrian Bonello ħallew l-avviż datat 16 ta' Lulju 2014 fil-*letter box* fl-indirizz KW38, Qasam Industrijali Ta' Kordin, Paola, peress li meta marru hemm sabu l-post magħluq minħabba li kien hemm *shut down* bejn id-9 ta' Awwissu 2014 u l-31 ta' Awwissu 2014, fit-23 ta' Ottubru 2014 l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud Alicia M. Degiorgio u Jonathan Fenech hallew l-avviż datat 20 ta' Ottubru 2014 fil-*letter box* fl-indirizz imsemmi peress illi ma fetħilhom ħadd u fl-24 ta' Novembru 2014 l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud Denise Said u Rachel Cordina ħallew l-avviż datat 24 ta' Novembru 2014 fil-*letter box* ta' l-istess imsemmi fond peress illi ma fetħilhom ħadd.

Meta dawn ir-riżultanzi proċesswali jiġu kkunsidrati fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 73(2) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, jirriżulta li dawk it-tlett notifiki ma' jistgħux u ma għandhomx jitqiesu li kienu notifiki validi għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi, in partikolari għall-finijiet u effetti ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fehma tat-Tribunal l-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 73(2) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta kjarament jipprovdi x'għandu jsir fl-eventwalità li notifika personali lit-*taxpayer* ma sseħħx minħabba li t-*taxpayer* ma jkunx jista' jinstab jew minħabba raġunijiet oħra attribwibbli għat-*taxpayer*, u li avviż jitħalla f'*letter box* għaliex it-*taxpayer* ma jinstabx biex jilqa' n-notifika ta' l-avviż ċertament ma hijiex alternattiva jew mod ta' notifika prospettata mill-Leġislatur. Apparte minhekk, ladarba l-Kummissarju tat-Taxxi għażel li n-notifika ta' l-avviżi in kwistjoni ssir bil-mezz tan-notifika personali lis-soċjetà Rikorrenti, l-Ispetturi tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjd inkarigati minn tali notifika kellhom jassiguraw ruħhom li din issir b'mod li l-avviżi effettivament u tempestivament jaslu f'iden is-soċjetà Rikorrenti u/jew rappreżentant tagħha. Ladarba l-avviżi li kellhom jiġu notifikati lis-soċjetà Rikorrenti intbagħtu *by hand* ma' l-Ispetturi tad-Dipartiment u per di più anness magħhom kien hemm *Advice of Receipt Cards*, solitament utilizzati fil-posta reġistrata, juri biċ-ċar li dawn l-avviżi kellhom jiġu notifikati personalment u direttament lis-soċjetà Rikorrenti u/jew rappreżentant tagħha u mhux jitġallew fil-*letter box* u l-AR Card relattiva tiġi iffirmata biss mill-istess Spetturi tad-Dipartiment. Li dan ma huwiex il-mod kif issir notifika personali ta' avviż jirriżulta anke mir-Regolament 33 tar-Regolamenti Dwar Servizzi Postali (Ġenerali), Leġislazzjoni Sussidjarja 254.01, li jipprovdi li *mal-kunsinna ta' oġġett postali reġistrat, l-indirizzat,*

[10] Dok. "DS" a fol. 83 sa' 95 tal-proċess.
[11] Vide Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2017, fol. 96 u 97 tal-proċess.

*ir-rappreżentant tiegħu, jew membru tal-familja tiegħu, għandu, sakemm ma jingħatawx istruzzjonijiet kuntrarju lill-provditur ta' servizz universali involut mill-indirizzat, jagħti riċevuta tiegħu bil-miktub lill-provditur ta' servizz universali: Iżda meta dik ir-riċevuta ma tingħatax, l-oġġett postali għandu jitqies li ma jkunx ġie kkunsinnat: Iżda wkoll dan ir-regolament hu bla preġudizzju għal kull liġi oħra li tirregola l-ogħti ta' riċveuti għal oġġetti postali reġistrati.*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat it-Tribunal jirribadixxi li l-avviżi datati 16 ta' Lulju 2014, 20 ta' Ottubru 2014 u 24 ta' Novembru 2014, permezz ta' liema s-soċjetà Rikorrenti ġiet mitluba tipprovdi s-segwenti dokumenti: (i) il-kotba tax-xiri mill-01.10.12-31.12.12, 01.01.13-31.03.13, 01.07.13-30.09.13, 01.10.13-31.12.13; (ii) riċevuti u fatturi tax-xiri għall-istess perjodi; u (iii) *audited accounts* għall-istess perjodi, ma jistgħux u ma għandhom jitqiesu li ġew debitament notifikati għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi, b'mod partikolari ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta u l-ewwel *proviso* ta' l-istess.

Apparte minn dawn l-avviżi kien hemm avviż ieħor datat 30 ta' Settembru 2014[12], permezz ta' liema l-Kummissarju tat-Taxxi mill-ġdid talab lis-soċjetà Rikorrenti tipprovdih bil-kotba tax-xiri mill-1.10.12-31.12.12, 01.01.13-31.03.13, 01.07.13-30.09.13, riċevuti u fatturi tax-xiri għall-istess perijodi; u *audited accounts* għall-istess perijodi, li ġie notifikat fl-1 ta' Ottubru 2014 lil Louis Farrugia, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 870552(M), fl-indirizz KW38, Qasam Industrijali ta' Kordin, Paola. Fil-fehma tat-Tribunal però lanqas din in-notifika ma tista' titqies bħala notifika valida ai termini tal-Liġi, partikolarment ai termini ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta u l-ewwel *proviso* ta' l-istess, in kwantu din ma saritx lil rappreżentant tas-soċjetà Rikorrenti ai termini tal-Liġi, partikolarment ai termini ta' l-Artikolu 66 tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imsemmi artikolu tal-Liġi jipprovdi li *kull segretarju, manager, direttur, stralċarju jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' enti jew korp ta' persuni, kull werriet u eżekutur testamentarju u kull kuratur ta' l-eredità vakanti ta' persuna mejta, u kull min ikun tutur, kuratur, amministratur jew trustee ta' xi persuna oħra jew ta' xi trust, fund, jew enti ieħor għandu jkun rappreżentant, għall-għanijiet ta' dan l-Att, ta' dak il-korp ta' persuni, persuna mejta, persuna oħra, trust, fund jew enti ieħor skond il-każ*[13] u li *avviż li jiġi notifikat lil rappreżentant jew ħlas lura li jsir lil rappreżentant fil-kariga tiegħu ta' rappreżentant taħt kull dispożizzjoni ta' dan l-Att għandhom jitqiesu bħala notifikat jew magħmul lill-persuna li huwa jkun rappreżentant tagħha*[14].

Minn dawn il-provvedimenti tal-Liġi joħroġ b'mod ċar li sabiex soċjetà kummerċjali - li naturalment hija wkoll *taxpayer* - titqies li ġiet validament notifikata ai termini tal-Liġi b'avviż mibgħut lilha mill-Kummissarju tat-Taxxi, dan l-avviż għandu jiġi notifikat lis-segretarju, manager, direttur, stralċarju jew kull uffiċjali prinċipali ieħor ta' l-imsemmija soċjetà. Mill-provi prodotti u senjatament mid-dokumenti a fol. 21 u 22 tal-proċess jirriżulta li Louis Farrugia, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 870552(M), ma jkopri ebda waħda mill-karigi hawn appena imsemmija fis-soċjetà Rikorrenti. Di fatti l-Kummissarju tat-Taxxi stess jikkontendi li n-notifika ta' l-avviż datat 30 ta' Settembru 2014 saret lil missier it-*taxpayer* u mhux lil xi waħda mill-persuni indikati fl-Artikolu 66

[12] Fol. 86 tal-proċess.
[13] Subartikolu (1) ta' l-Artikolu 66 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta.
[14] Subartikolu (3)(ċ) ta' l-Artikolu 66 tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta.

tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta. Fid-dawl ta' dan għalhekk ma jistax jitqies li n-notifika ta' l-avviż datat 30 ta' Settembru 2014 saret lis-soċjetà Rikorrenti. Għal kull buon fini jiġi osservat li siccome n-notifika saret fil-fond KW38, Qasam Industrijali ta' Kordin, Paola, ossia l-uffiċju reġistrat tas-soċjetà Rikorrenti[15], u mhux fl-indirizz residenzjali ta' xi wieħed mill-uffiċjali prinċipali ta' l-imsemmija soċjetà, lanqas jista' jitqies u jiġi kkunsidrat li n-notifika ta' l-avviż datat 30 ta' Settembru 2014 f'idejn Louis Farrugia hija valida fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 187(4)(b) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Minn dan kollu osservat jirriżulta għalhekk illi għalkemm kien hemm talba jew aħjar talbiet bil-miktub da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi għas-sottomissjoni ta' dokumenti, dokumentazzjoni u *data* partikolari, dawn it-talbiet ma ġewx debitament notifikati lis-soċjetà Rikorrenti u għaldaqstant ma tistax titqies li kienet inadempjenti, bil-konsegwenza li l-provvediment ta' l-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta ma jiskattax u b'hekk ma jsibx applikazzjoni fil-każ in eżami.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-eċċezzjoni a tenur ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi u jordna l-prosegwiment tal-kawża fil-mertu.

It-Tribunal jirriserva li jiddeċiedi dwar il-kap ta' l-ispejjeż fis-sentenza finali dwar il-mertu.

A tenur tal-Partita 2(4) tal-Partita Disa' tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta jordna li kopja ta' din id-deċiżjoni tiġi notifikata lis-soċjetà Rikorrenti.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[15] Fol. 21 tal-proċess.